XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 19**
**18 ta' Gunju 2014 fl-4:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:30 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**Skuzat**

| | |
|---|---|
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 17 u 18 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Imgarr Ix-Xini**

   Dan il-ħin waslet il-Vici Sindku Dr Monica Vella.

   Kien hemm prezenti student Mario Pace li idduskuta fit-tul progett li jixtieq jagħmel mal-Kunsill tax-Xewkija u mal-Kunsill ta' Sannat fuq il-Wied ta' Imgarr ix-Xini taht applikazzjoni tal-KSU. Il-Progett jikkonsisti f'restawr fuq il-pumping

XEWKIJA

station, mudell 3D, architectural drawings, drafting of booklet u affarijiet oħra. Hu talab l-għajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara fuq dan. Il-kunsill informa lil Mario Pace li ga kemm kumitat fuq l-progett ta' Imgarr ix-Xini li jista' jkollu ħafna informazzjoni ga lesta biex ikunu jistgħu jgħinuh fil-progett tiegħu u b'hekk ma jsirx xoghol doppju u spejjez aktar.

3. **Gemillagg**

Is-Segretarja qasmet lil membri prezenti ir-rapport tal-gemillagg biex jintbghat lid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal approvazzjoni tal-Gemillagg. Il-Kunsilliera prezenti qablu mar-rapport. Il-Vici Sindku infurmat li hi taqbel basta l-ammont ma jaqbisx dak skont il-ligi li huwa ta' 3,500 euro u dak l-ammont awarded tal-applikazzjoni tal-EU bl-ammont ta 5,000 euro total ta' 8,500 euro. Is-Sindku qal li għalkemm il-hsieb huwa li nimxu ma din il-kwota qatt ma tista tkun preciz fl-amont minħabba diversi ragunijiet. Is-Segretarja ser tibgħat ir-rapport lid-Dipartiment għal approvazzjoni.

4. **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

Mill-korrispondenza

i. Memo 17/2014 dwar Streaming tal-laqgħat online. Il-Kunsill qabel li japplika għal skema ta' Għajnuna finanzjara għal internet connection.
ii. E mail mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-sena 2014.
iii. E mail mingħand ANSEK dwar Kors Practical Aspects of Public Procurement.
iv. E mail mingand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Djalogu pubbliku: 'Għawdex fl-Unjoni Ewropea'
v. Memo 16/2014 dwar 'Performance Management and Indicators.'
vi. Memo 15/2014 dwar Posta Elettronika tal-membri tal-Kunsill.
vii. E mail mingħand Parliamentary Secretariat dwar zjara fil-Kunsill mingħand Hon Stefan Buontempo.
viii. E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Invit għal-Infonitrates Life+ Closing conference.
ix. Cirkulari AGL 40/2014 & 42/2014 – Jum it-tifkira tal-abbuz fuq l-anzjani.
x. Cirkulari AGL 41/2014 – Prospectus tal-MCAST.
xi. Cirkulari AGL 43/2014 – Konferenza Energy Efficiency Capacity Building
xii. Cirkulari 08/2014 (CT5030/2014) dwar exclusion from the award of public contracts to Gafasaveways Ltd C-15908
xiii. E mail mingħand TCTC dwar Project ESF 4.181- Improving Public management and governance at local.
xiv. PQ 9766
xv. E mail mingħand l-Ufficcju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xoghol dwar Premju Frans Sammut.

XEWKIJA

**5. Ilmenti u Suggerimenti**

i. Fuq ittra li l-Kunsill bgħat rigward biex parti minn Triq S. Katerina isir one way, peress li kien hemm xi ilmenti l-Kunsill ircieva lura mingħand xi residenti li huma jaqblu ma din il-proposta. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard, Domnic Zerafa u s-Sindku qalu li huma jaqblu habba sigurta'. Il-Vici Sindku Dr Monica Vella qalet li hi ma taqbilx. Il-Kunsill għandu jara fuq din il-proposta l-quddiem.

ii. Il-Kunsill qabel li għandhom jintaghlbu kwotazzjonijiet fuq bins tal-ħmieg tal-klieb peress li qed ikun hemm diversi ilmenti fuq dan.

**6. Affarijiet Oħra**

i. Fuq talba li saret fl-aħħar laqgha l-Kunsilliera li kienu prezenti dakinhar qablu li jitħallas parti mill-insurance tal-kumitat tan-nar bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill bhal ma sar lil-Kumitat tat-tigrija taz-zwiemel. Il-Kunsill qabel ukoll li jitħallsu l-ispejjez ta' l-olterazjonijiet li l-Għaqda Armar kellhom jirrangaw għal-armar tal-festa peress li kienu gew imnehhija ħabba x-xoghol li sar mill-Kunsill fuq il-Latrina pubblika tal-Pjazza.

ii. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li peress li hemm razzett go nofs l-abbitanti tax-Xewkija saret talba li Kunsill biex jekk nistgħu nagħtu l-għajnuna taghna biex dan jmur f'post iehor fejn hemm irzizet oħra. IL-Kunsill qabel imbasta dan ikun barra z-zona residenzjali.

**7. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa giet aggornata fis-8:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |